MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2014

Numru. 492/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**KEITH AGIUS**

## Il-Qorti:

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Keith Agius, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 507187 (M).

## Akkuzat talli:

F'dawn il-gzejjer, nhar is-sitta (6) ta` Mejju 2007 fl-Armier il-Mellieha f'xi hin bejn nofs inhar u s-sitta ta` wara nofs in-nhar ikkaguna griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Rueben Tabone skont ma ccertifikah Dr. Malcolm Caruana, MD Reg No. 2869.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li l-Qorti rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha (9) ta` Lulju, 2007.

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza titratta dwar glieda li sehhet fis-6 ta` Mejju 2007 gewwa l-Farlicks Bar and Restaurant. F'dina l-glieda kien wegga certu Rueben Tabone li sofra griehi gravi skont ma ccertifika Dr. Malcolm Caruana. Dawn il-griehi kienu jikkonsistu f'dizabilita` *per durata* peress illi kien hemm possibilita` ta` *damage* fin-nervituri.

Illi l-Ispettur Therese Sciberras tixhed illi l-imputat kien irrilaxxa stqarrija fejn innega li huwa qatt ma kien wegga` lil xi had izda jammetti li huwa kien ta` sehem fil-glieda li sehhet. Huwa jistqarr illi Rueben Tabone kien wiehed minn dawk illi fl-ahhar mumenti tal-glieda gera wara l-karozza tal-imputat huwa hu jahrab mill-incident ghaliex sefa` attakkat minn xi seba` t'ihbieb. Dak il-hin jiftakar illi Rueben ma kienx imwegga.

Ilil Rueben Tabone jiddentifika posittivament lil Keith Agius bhala l-bniedem li wegghu matul dina l-glieda. Dan b'daqqa ta` siggu fuq spaltu waqt li kien qieghed izommu huh stess. Jixhed huwa stess illi dam biss tlett (3) gimghat in konvalaxxenza izda ghadu jbati minn xi ugiegh sallum. Ghal erba` (4) xhur huwa attenda regolarment il-*Physiotheraphy Unit*. Dr. Jurgen Abela, filfatt, jiddiskrivi dawn l-*injuries* bhala hfief waqt li x-xhieda ta` Dr. Joanna Basic hija inkonklussiva. Illi dina x-xhieda hija kkonfermata minn Keith Micallef illi jaraf lil Keith Agius bhala l-persuna li agredixxa lil Rueben Tabone b'siggu. Oht Rueben Tabone, Graziella, taf illi huha qala` daqqa ta` siggu izda l-incident ma ratux u huhom Francis jghid illi ra lill-imputat jaghti daqqa ta` siggu lill-huh Rueben. Ix-xhud Warren Bonello u x-xhud Kyle Bonello kif ukoll ix-xhud David Attard,

ukoll jikkonferma li kien l-imputat li wegga` lil Rieben Tabone b'daqqa ta` siggu. Dawn ix-xhieda lkoll jiddeskrivu kif l-imputat, wara l-incident, saq b'mod perikoluz xi tlieta (3) jew erba` (4) darbiet madwar il-*parking* fejn kien se jolqot lil Graziella Tabone.

Illi fuq dawn il-provi, dina l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati kif akkuzat. *In piu` comprendo il meno* u ghalhekk, tilliberah mill-akkuza dedotta kontrih u ssibu hati biss talli kkaguna ferita ta` natura hafifa lil Rueben Tabone.

Wara li rat il-fedina penali u *tenendo conto* tal-komportament erratiku tal-imputat, dina l-Qorti tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------